






nitajiet Ortodossi f'pajjiżna u saħansitra jmorru kattoliċi f'laqgħat ta' għaqda bejnietna lkoll.

X'insibu aktar fil-Belt Valletta li jkompli jagħmilha belt unika, storika, reliġjuża, politika, belt ta' setgħa u ġieħ? Fil-Belt Valletta parti mit-tmienja u għoxrin knisja li għandha, hemm żewġ Kattidrali, wieħed huwa dak ta' San Ġwann, magħruf bħala il-Kon-Kattidral ta' San Ġwann u l-ieħor huwa l-Kattidral ta' San Pawl li jkollu servizzi reliġjużi Anglikani.

**Nobbilta'**

In-nobbilta' fil-belt Valletta tissokkta b'ħafna affarijiet marbutin ma' ġrajjiet varji li minnhom għaddew missirijietna, li minnhom għaddejna aħna, li jirriflettu epoki li dwarhom smajna, tgħallimna fl-iskola, qrajna d-dar u għallimna bihom liż-żgħar biex ikunu konxji ta' kemm ġenwinament hija għanja din il-Belt u kemm il-progress ma tellifha xejn mis-sinjurija tagħha.

Il-belt Valletta hija wkoll Belt ta' Palazzi, fosthom u aktarx l-aktar wieħed magħruf u mfittex u misjub huwa l-Palazz tal-President tar-Repubblika ta' Malta, li qabel kien jissejjaħ il-Palazz tal-Gvernatur. Dan jinsab fi Triq ir-Repubblika u quddiemu hemm misraħ mill-isbaħ, Misraħ San Ġorġ, fejn jipparkjaw il-vetturi tagħhom il-Membri Parlamentari.

Ma nixtieqx ninsa' l-Każini. Il-Każini msejħin Soċjali fejn wieħed imur iqatta' siegħa żmien, jitkellem mal-ħbieb tiegħu, forsi jilgħab logħoba biliard jew snooker, jieħu xi flixkun birra, xi grokk whiskey , tazza te' jew kikkra kafe' u jiċċajta ma' ħbiebu u ma' kull min jinzerta mal-bar. Każini li jkomplu jixhdu għall-ilwien ħajjin tal-Belt Valletta.

U xi ngħidu għall-Każini Mużikali? Fost l-ewlenin hemm il-Każin tal-Banda ~ittadina King's Own li jinsab fi Triq ir-Repubblika. Fl-Istess triq hemm il-Każin tas-Soċjeta' Filarmonika u Nazzjonali La Vallette. Ir-rivalita' bejn dawn iż-żewġ każini tinsab fi ġrajjiet marbutin mal-politika imma llum, din id-differenza bilkemm tidher.

Każini tal-Banda li jpaxxu,
Każini soċjali -laqgħat,
Ġrajjiet li jinkitbu biex jibqgħu,
Ġrajjiet in-nies żgħar u l-kbarat.

Il-Belt Valletta, belt il-Kavallieri,
Belt il-ġentlomi, għax minnhom mibnija,
Belt mill-ġentlomi għall-ġentlomi, motto,
Li jixraq din il-belt, mija fil-mija.



Knejjes u Kattidrali u Bażil'ki,
Sebgħa u tmenin niċċa, f'dil-Belt stess,
Palazzi, djar kbar sbieħ, li jixhdu l-qedem,
Li ma seħħlux jeqirdu il-progress.

Teżor minnha nnifisha l-Belt Valletta,
Għalhekk li kburin biha, u f'kull żmien,
Nibqgħu nagħtuha ġieħ, lill-Belt Valletta,
U iktar inħarsuha għall-ġejjien.

**Politika**

Kemm il-darba smajna li l-politika tidħol f'kollox? X'fih ħażin dan kollu, ġaladarba ma nkunux rasna shuna żżejjed? Il-Belt Valletta wkoll tirrifletti l-kultura politika ta' ġensna.

